Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Appell numru: 697/2014/1

Imhallef Anthony Ellul

**Theresa Bartolo**

**Vs**

**Charles Bartolo**

20 ta' Ottubru, 2017.

1. Permezz ta' avviz prezentat fis-6 ta' Ottubru 2014, l-attrici talbet lit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' €3150 rapprezentanti kirjiet ta' disa' (9) xhur skont kuntratt ta' separazzjoni tat-18 ta' Gunju, 2012.

2. B'sentenza tal-10 ta' Novembru, 2016 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar billi laqa' t-talba attrici u kkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tlett elef mija u hamsin euro (€3,150), bl-imghax legali li jibda jiddekorri mid-data ta' din id-decizjoni.

3. Il-konvenut appella mis-sentenza, bl-aggravji:

i. It-Tribunal, fl-ahhar faccata tas-sentenza kiteb, *"dan it-Tribunal jafu minn ricerka li ghamel huwa stess fir-Registru tal-istess Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u ghalhekk l-eccezzjoni dwar il-kompetenza hija ormai sorvolata u qed tigi michuda. Tenut kont ukoll li l-Konvenut talab li din il-Kawza ma tigix deciza sakemm tigi deciza l-Kawza 203/13 – RGM, u gara li hekk sar ghax il-Kawza giet deciza."*

   Illi l-bazi, il-fondament, illi fuqu bniet is-Sentenza t-Tribunal, huwa kollu skorrett, u allura huwa logiku li r-ricerka li ghamel it-Tribunal ma kienx korretta, ma saritx kif kellha ssir, li ma huwa veru xejn li l-eccezzjoni dwar il-kompetenza b'xi mod hi sorvolata u ghalhekk m'ghandiex tigi michuda, u li l-Kawza ghadha ma gietx deciza: fatti li hargu minn dokumentazzjoni fis-sistema tal-Qorti, fatti li kieku vera saret ricerka sura ta' nies u professjonalment dawn il-fatti kellhom johorgu, u allura l-bazi li fuqu nbniet u nghatat din is-sentenza ma huwiex korrett u dan ghandu jiggustifika li s-sentenza tigi dikjarata nulla u nvalida, mhux enforzabbli u mhux esegwibbli.

ii. It-Tribunal deher li apprezza hazin meta t-Tribunal tenna li *"il-Konvenut jghid li ghandu dwar il-veracita' tal-Kuntratt ta' Lokazzjoni d-dubji."* It-

Tribunal kompla jzid, *"huwa ma gab xejn provi dwar dan u ghalhekk dan it-Tribunal ma jistax jiehu konjizzjoni ta' din l-allegazzjoni maghmula mill-Konvenut fl-Affidavit tieghu"*.

Illi t-Tribunal bena fuq sitwazzjoni inezistenti billi effettivament l-appellanti kkontesta l-kuntratt mhux ta' lokazzjoni imma tas-separazzjoni tat-18 ta' Gunju, 2012, fejn qal illi l-klawsoli kollha f'dak il-kuntratt ma humiex validi u ma ghandhomx ikunu enforzabbli jew inkella ghandhom jigu riveduti u dan a bazi tad-diversi talbiet illi hemm fil-kawza 203/13 – RMG li issa qeghdha quddiem il-Qorti tal-Appell Civili, Superjuri;

Illi din l-interpretazzjoni hazina tas-sitwazzjoni da parti tat-Tribunal tirrizulta wkoll mill-fatt illi l-intimat ghamel affidavit dettaljat fejn fisser dwar il-hajja ta' martu u cioe' li hija qeghdha fi stat adulteru, li l-mara tieghu qatt ma kienet intitolata ghal ebda manteniment, li l-manteniment kien ghat-tlett itfal tieghu li issa wahda minnhom hija effettivament maggiorenni u ilha tahdem minn mindu kellha sittax-il sena, u illi ma jistax ikun hemm talba biex tithallas kera fuq fond li mhux identifikat fil-kuntratt, u minghajr ma ngabu provi li l-kera effettivament thallset;

iii. It-Tribunal qata u ddecieda billi laqa' t-talba attrici u ordna lill-intimat sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' tlett elef, mija u hamsin Euro (€3,150) bl-imghax legali li suppost kellu jibda jiddekorri mid-data ta' nhar il-Hamis, 10 ta' Novembru, 2016;

Illi din id-decizjoni ma setghet qatt tigi kontemplata fid-dawl tal-fatti fil-qosor kif gew imfissra, fid-dawl tal-ewwel zewg aggravji, u fid-dawl li ma ngabu ebda provi da parti tal-attrici li effettivament veru hallset dawn il-flus jew fir-residenza proprju fejn tirresjedi l-istess attrici illi ndikat Flat 4, Belair, Dawret in-Nawfragju, Xemxija, fl-okkju, bhala r-residenza taghha meta effettivament bejn is-sena 2014 u llum, l-attrici Tereza Bartolo, bidlet ir-residenza diversi drabi u l-indirizz attwali taghha huwa kif diga' gie ndikat 'Johnmar', Triq Port ir-Ruman, gewwa l-Qawra;

iv. Ir-raba' aggravju jirrigwarda l-ispejjez li t-Tribunal impona fuq l-intimat appellant.

Illi dan l-aggravju juri l-ingustizzja illi mhux biss it-Tribunal beda s-sentenza tieghu fuq fatti li ma humiex verosimili kif imfisser fl-ewwel aggravju, li t-Tribunal bena l-interpretazzjoni tieghu li wassal ghad-decizjoni fuq dubji li effettivament ma humiex korretti billi l-appellanti kkontesta fil-kawza 203/2013 il-Kuntratt ta' Separazzjoni tat-18 ta' Gunju, 2012, imma anke li t-Tribunal imbaghad fuq fatti li ma kinux korretti u provi li ngabu imma li gew dikjarati li ma ngabux, qataghha li l-appellata kellha dritt li tircievi minghand zewgha l-ammont ta' tlett elef, mija u hamsin Euro (€3,150) bl-imghax mill-10 ta' Novembru, 2016.

4. Il-qorti semghet it-trattazzjoni u qrat l-atti.

5. Fit-18 ta' Gunju, 2012 il-kontendenti ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni. Klawzola 7 tipprovdi:

   *"Ir-ragel jobbliga ruhu li jibqa' jhallas il-kera ghal fond fejn tkun tista' tirrisjedi l-Mara flimkien ma' uliedu u dan sakemm l-izghar wild tal-partijiet jaghlaq hamsa u ghoxrin (25) sena. L-ammont ta' hlas mir-Ragel hawn indikat ikun ta' massimu ta' tliet mija u hamsin Euro (€350) kull xahar"*.

6. L-attrici harrket lill-konvenut sabiex ihallas €3,150 li hi l-kera ghax-xhur ta' Settembru, Ottubru, Novembru, Dicembru 2013, Jannar, Frar, Marzu, April u Mejju 2014, cjoe' 9 skadenza bir-rata ta' €350 ghal kull sena.

7. Fis-sentenza t-Tribunal aghmel riferenza ghall-kawza 203/2013 fl-ismijiet inversi li nstemghet quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), u li fiha l-konvenut kien qieghed jimpunja l-validita tal-kuntratt ta' separazzjoni minhabba vizzju tal-kunsens. It-Tribunal qal li b'sentenza tas-26 ta' Mejju, 2016 il-kawza kienet giet deciza kontra l-konvenut. Bil-fatt li t-Tribunal ha l-inizjattiva li jivverifika jekk il-kawza kinitx ghadha pendenti fid-data li ta s-sentenza, m'ghamel xejn hazin.

8. Fir-realta' jirrizulta li l-konvenut kien appella mis-sentenza tas-26 ta' Mejju 2016, u fl-10 ta' Novembru, 2016 (data tas-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar) l-appell kien ghadu pendenti. Fatt li ma ssemmiex mit-Tribunal, u ghalhekk f'dak l-istadju t-Tribunal ma kienx korrett meta qal ddecieda daqslikieku s-sentenza tas-26 ta' Mejju 2016 kienet gudikat.

9. Madankollu jirrizulta li b'sentenza tat-28 ta' April, 2017 il-Qorti tal-Appell cahdet l-appell tal-konvenut. Dan ifisser li s-sentenza tas-26 ta' Mejju, 2016 saret gudikat. Ghalhekk fic-cirkostanzi attwali huma llum ghal kollox irrilevanti l-ilmenti tal-konvenut relatat mal-ewwel hames eccezzjonijiet (ara fol. 13 u 15) u wkoll ma dak li ddecieda t-Tribunal.

10. Fil-meritu t-Tribunal qal:

    *"Illi dwar id-dubji li l-konvenut ighid li ghandu dwar il-veracita' tal-kuntratt ta' lokazzjoni, huwa ma gab xejn provi dwar dan u ghalhekk dan it-Tribunal ma jistax jiehu konjizzjoni ta' din l-allegazzjoni maghmula mill-konvenut fl-affidavit tieghu"*.

11. Il-qorti ma tara xejn irregolari mill-fatt li fi klawzola 7 tal-kuntratt ma jissemmiex l-indirizz tal-fond jew il-kera. B'dik il-klawzola ma saritx kirja u hi

semplici obbligazzjoni tal-konvenut li jhallas il-kera, sa massimu ta' €350 kull xahar, tal-fond fejn martu tkun qeghda tghix sakemm Nolan Franz jaghlaq 25 sena. Mill-atti jirrizulta li:

i. L-attrici kienet qeghda tikri l-fond 84, Triq in-Nahal, Mellieha u dan permezz ta' kuntratt tat-2 ta' Lulju, 2013 ghall-perjodu ta' sena b'kera ta' €350 kull xahar. Fil-kuntratt jinghad li l-fond kellu jintuza bhala r-residenza tal-inkwilina.
ii. Fis-seduta tas-27 ta' Jannar, 2015 il-gudikatur li quddiemu kien qieghed jinstema' l-kaz, iddikjara *"…. illi huwa kien id-difensur tas-socjeta Charichelon Company Limited li zgumbrat lill-intimata mill-fond 84, Triq in-Nahal, Mellieha u dan minhabba nuqqas ta' hlas ta' kera u tad-dawl u l-ilma"*. Ghalhekk ta ordni ta' astensjoni.

Fatti li fihom infushom iwasslu ghall-konkluzjoni li l-kirja kienet tezisti. Il-qorti tfakkar ukoll li r-regola tal-ahjar prova ma tapplikax ghat-Tribunal ghal Talbiet Zghar (ara artikolu 9(2) tal-Kap. 380). F'dan ir-rigward ukoll, ma kienx korrett il-konvenut meta xehed li martu ma tatx dettalji dwar il-fond fejn kienet qeghda tghix matul il-perjodu li ghalih tippretendi l-hlas. Dan apparti li jirrizulta li l-konvenut kien jaf li martu qeghda tghix fl-imsemmi fond. Tant hu hekk li f'ittra ghall-ftuh ta' medazzjoni li pprezentata fl-1 ta' Awissu, 2013, iddikjara: *"5. Il-mara tieghu jisimha TERESA sive THERESE BARTOLO u llum tirrisjedi fl-indirizz: 84, Triq in-Nahal, fil-MELLIEHA. Kull komunikazzjoni u korrispondenza lil Mrs Bartolo ghandhom jintbaghtu f'dana l-indirizz"*. L-istess indirizz li jissemma hawn fuq. Sahansitra fit-23 ta' Ottubru, 2013 f'dak l-indirizz saret ukoll notifika lill-attrici tac-citazzjoni u l-avviz tas-smiegh. Ma saret l-ebda prova li setat twassal lit-Tribunal biex jikkonkludi li fil-perjodu bejn Settembru 2013 u Mejju 2014, l-attrici kienet qeghda tghix f'post iehor.

12. Hu minnu li l-konvenut xehed li martu qeghda tghix ma' Ivan Falzon fil-fond Philip Court, Flat 2, Triq it-Turisti, Qawra. Pero jekk dan hu minnu, ma jirrizultax meta bdiet tghix ma' dik il-persuna. Fatt li lanqas ma jirrizulta mill-affidavit ta' oht il-konvenut.

13. Il-fatt li jista' jkun li l-attrici ghadha ma hallsitx lil sid il-kera dak minnha dovut ghall-imsemmija disa' xhur, ma jfissirx li t-talba tal-attrici kellha tigi michuda. Il-konvenut obbliga ruhu li jhallas il-kera. Ladarba rrizulta li fil-perjodu in kwistjoni kien hemm il-kirja u kienet dovuta kera ta' €350 kull xahar, il-konvenut ghandu obbligu li jhallas l-ammont li talbet l-attrici. Kien ikun differenti kieku per ezempju rrizulta li sid il-kera kien hafer id-dejn.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.